MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

**MAGISTRAT DR.**
**MELI SILVIO LL.D., DIP. STUD. REL., DIP. CAN. MATR. JUR. & PROC., CERT. JUR. & H.R. (STRASBOURG), P.G. DIP. EUROPEAN COMPETITION LAW (KING'S COLLEGE, LONDON), P.G. DIP. EUROPEAN LAW (KING'S COLLEGE, LONDON)**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 1450/2000/1

**Carnaby Limited gia' Carnaby Maintenance Limited**

**vs**

**George Papagiorcopulo f'ismu proprio kif ukoll in rapprezentanza tas-socjeta' MS Three Services Limited.**

**Il-Qorti,**

**Il-Qorti rat l-avviz fuq indikat datat id-29 ta' Settembru tas-sena 2000 li permezz tieghu is-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut proprio et nomine sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas is-somma ta' hames mija sitta u tletin lira Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm536.67,0) rapprezentanti hlas illi l-istess socjeta' affetwat f'ismiha kif minnu delegata lis-socjeta' Telecell illum Vodafone in konnessjoni ma' kontijiet ghall-uzu tal-mobile phone;**

**2. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata it-13 t'Ottubru tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut proprio et nomine eccepixxa s-segwenti:**

**1. Preliminarjament, is-socjeta' attrici Carnaby Limited trid tipprova illi hija s-successur fit-titolu ta' Carnaby Maintenance Limited;**

**2. Illi, fil-mertu, l-eccipjent, kemm f'ismu proprju u kif ukoll in rapprezentanza tas-socjeta' MS Three Services Limited mhuwiex il-legittimu kontradittur u mhuwiex debitur tas-socjeta' attrici ghall-ammont reklamat;**

**3. Illi ghaldaqstant it-talbiet attrici in kwantu rivolti kontra l-eccipjent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentant legali tal-konvenut proprio et nomine, dak tas-socjeta' attrici jaghzel li ma jersaqx ghall-udjenza rizervata ghal dan il-ghan;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi meta s-socjeta' attrici ezaminat il-kotba finanzjarji taghha sabet li kien ghad hemm pendenzi rigwardanti l-konvenut proprio et nomine;**

**2. Illi dawn kienu allegatament jirrigwardaw kontijiet pendenti lis-socjeta' Telecell illum Vodafone;**

**3. Illi s-socjeta' attrici tallega li l-konvenut proprio et nomine kien debitur versu l-istess socjeta' stante li din ghamlet tajjeb ghall-kontijiet tac-cellurari li kellu fil-pussess tieghu u li jirrizultala li qatt ma ghamel tajjeb ghalihom u ghalhekk kellha tittiehed din il-procedura;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi da parte tieghu l-konvenut proprio et nomine isostni s-segwenti:**

**1. Illi c-cellulari in kwistjoni veru kien jappartjeni lis-socjeta' attrici;**

**2. Illi pero' c-cellulari in kwistjoni kien jintuza fl-ufficcju tas-socjeta' attrici u kull impjegat ta' l-istess kellu access ghalieh inkluz direttur prominenti ta' l-istess socjeta' attrici, (ara fol 64);**

**3. Illi ghalhekk ic-cellulari in dizamina ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-konvenut proprio et nomine;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi in oltre jirrizulta s-segwenti:**

**1. Illi c-cellulari li fuqu s-socjeta' attrici tibbaza t-talba taghha qatt ma gie indikat bi precizjoni fl-atti ta' din il-procedura;**

**2. Illi kemm-il darba l-konvenut proprio et nomine kellu l-fakolta' li juza xi cellulari ma jirrizultax li dan kien b'xi mod esklussiv ghalih;**

**3. Illi ma gie pprezentat l-ebda tip ta' ftehim bejn il-partijiet li jiffavorixxi l-tezi attrici;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet tal-konvenut proprio et nomine, tirrespingi t-talbiet attrici bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**